**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 163/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Marthese Micallef )**

**Vs**

**ANTHONY SAMMUT**

**Illum, 15 ta'Novembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Anthony Sammut talli fit-2 ta'Mejju, 2001, ghal habta ta' l-10.00 a.m., waqt li kien fl-ghelieqi maghrufha bhala Tat-Targa Blata tal-Melh, Bahrija, limiti tar-Tabat (**a**) volontarjament kiser il-buon ordni, il-paci w l-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u bi glied, (**b**) insulenta, hedded u mmolesta bi kliem lill-Stephen Ciangura (I.D. 104377 {M}), (**c**) hebb ghall-istess Stephen Ciangura sabiex jingurjah, idejqu jew jghamel hsara lil din il-persuna, (**d**) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, billi xehet ma' l-art gakketta, baskett, skratac, hobz u thermos, li kienu fid-dura wzata mill-istess Stephen Ciangura, u aktar ghamel hsara fil-

mobile phone tal-marka Siemens, propjeta' ta' l-istess Stephen Ciangura, (**e**) minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom jew qabad arma ohra (shot gun jew revolver) kontra l-istess Stephen Ciangura, (**f**) ghamel ingurja jew hedded jew kien ipprovoka ingurji b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni kontra l-istess Stephen Ciangura, (**g**) qal kliem oxxen jew indicenti fil-pubbliku, (**h**) haqar jew uza kefrija fuq annimali, cioe', kelb ta' l-istess Stephen Ciangura, billi sawwat l-istess kelb b'zokk twil u ohxon, u ghamillu diversi griehi f'rasu, f'xofftu w f'ilsienu, (**i**) bla hsieb li jisraq jew li jghamel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita l-jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta'hwejjgu jew b'xi mod iehor kontra l-ligi indahal fi hwejjeg haddiehor.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 5 ta'Settembru, 2001, li biha ma sabetx lill-Anthony Sammut hati ta' l-akkuzi taht l-ittri (**b**) (**f**) u (**g**) u lliberatu minnhom, filwaqt li sabitu hati fuq l-akkuzi taht l-ittri (**a**) (**c**) (**d**) (**e**) **(h**) u (**i**) u fuqhom ikkundannatu komplessivament LM150 Multa. Inoltre, l-ewwel Qorti rabtet lill-Anthony Sammut taht garanzija tieghu nnifsu li ma jimmolestax lill-Stephen Ciangura u lill-Alfred Ciangura ghal zmien sena taht penali ta' Lm100.

Rat ir-rikors t'appell ta'Anthony Sammut datat 10 ta'Settembru, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha, thassarha w tirrevokaha fil-bqija taghha.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-aggravji sollevati mill-appellant jirreferu biss ghall-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti. L-appellant jghid li ma kienx hemm provi li jwasslu sal-grad tal-konvinciment morali u li, ghalhekk, in bazi taghhom, dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment issib htija fih.

Din il-Qorti semghet il-provi kollha mill-gdid u ghandha ragjonevolment tahseb li dawn kienu l-istess provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti. Kif hu ben not, hu biss eccezzjonalment li din il-Qorti ta' Revizjoni tasal sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti w li tindahal fid-diskrezzjoni ta'dik il-Qorti. Dan tghamlu biss jekk jidrilha li dik il-Qorti ghamlet apprezzament tal-provi manifestment hazin b'konkluzzjonijiet daqstant hziena.

Minn dak li setghet tara din il-Qorti, wara li analizzat il-provi kollha, ma ssib ebda raguni valida legalment sabiex tasal biex ticcensura b'xi mod dak li ghamlet l-ewwel Qorti. Il-provi li tressqu huma tali li certament l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal sabiex tikkonkludi kif ikkonkludiet. Ma kien hemm xejn manifestament hazin fl-apprezzament ta' dawk il-provi li sar mill-ewwel Qorti.

Ghal din ir-raguni, il-Qorti tichad l-appell ta'Anthony Sammut u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

Aldo Testone
Dep. Registratur